MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1690/2002

**Carmel Bianco sive Charles Bianco f'ismu U ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Paul Lia u Mary Lia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,181.48), importa ta' erbatax-il kambjala ghall-ammont ta' Lm85.82 kull wiehed pagabbli kull xahar u li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Mejju 2000 u Novembru 2001.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Malcolm Pace jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta’ l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,181.48), bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**